# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmienja u disgħin (98) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar id-29 ta' Mejju, 2012, fis-6:30pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Noel Galea, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru sebgħa u disgħin kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li talbu l-kunsillieri.

Punti mill-Minuti:

3. Is-SE ta kopja tal-*balance sheet, l-income statement u t-trial balance* għall-ewwel kwart tas-sena 2012.

4. Issemma' l-punt fejn ir-rikonċiljazzjoni tal-kont kurrenti, għall-awdituri *Grant Thornton* ma' kienx aċċettabbli li ssir għajr bis-sistema tas-*Sage Pastel*. Din issa ħolqot *mismatch* ta' madwar €9,000 bejn is-sistema manwali u dik tal-IT, kif imsemmi għat-tieni sena konsekuttiva wara li din kienet identifikata mill-accountant Richard Falzon u wkoll indikat mill-awdituri biex din tkun *written off.* Nicholas Briffa ra l-*Management Letters* tal-2005 sal-31 ta' Marzu, 2008 u qal li f'din ir-rikonċiljazzjoni l-*mismatch* ta' *circa* €9,000 ma kienetx teżisti sa dik id-data.

5. Dwar il-proposta ta' *wi-fi* fil-Pjazza tal-Knisja, il-kunsillier Paul Spiteri kiteb lill-Kappillan sabiex naraw jekk dan jistax jilqa' linja tat-telefon addizzjonali fl-Uffiċċju Parrokkjali u l-ex-ħanut *Milady* li tkun imħallsa mill-KLM u wkoll biex jingħata l-*internet* bl-iskop illi dan ikun *wireless* u jkun aċċessibbli minn kull min ikun fil-Pjazza tal-Knisja u *supply* tal-elettriku għal modem. Noel Galea qal illi skont stima li talbu r-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar, l-orħos internet li hawn hu dak tal-*Malta Communications Authority* li jiswa' biss €120 fis-sena. Se nieħdu wkoll parir tekniku kif dan jista' jkun aċċessibbli bi nstallazzjoni li tilħaq kull naħa tal-pjazza permezz ta' apparat li jeħel fuq barra mingħajr ma jkerrah l-ambjent.

6. Dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru fl-Imqabba, is-Sindku qal illi llum tqiegħdet l-aħħar katusa tad-drenaġġ fi Triq Ħal Kirkop fejn jirriżulta illi fil-post kien hemm katusa imblukkjata; li kien ilha s-snin, u l-materjal kien qed imur kollu f'katusa waħda. Hu sostna illi dik illi bidlu llum, kienet tal-10'' (dijametru) u issa twessgħet għal waħda tal-14''. Jista' jkun li din kienet ir-raġuni tal-iżbroffi li kien qed iseħħu ħafna drabi fl-inħawi ta' Triq il-Familja Brancati. Hu qal illi l-kuntrattur Asfaltar Ltd propju llejla għalaq il-gandott billi tgħatta kollox bil-*lean mix* u issa se jaqbdu jaħdmu fuq il-*culvert* ta' Triq iż-Żurrieq, biex dan joħroġ l-ilma tax-xita minn triq prattikament ċatta qabel ma din tinkesa' bit-tarmak. Dan il-*culvert* se jilqa' l-ilma li jidħol minn Triq Saljatura għal Triq iż-Żurrieq u se jibqa' jwassal l-ilma lejn Triq Ħal Kirkop. Intant is-Sindku qal li minn Triq Ħal Kirkop għaddejjin diversi *cables* tal-Korporazzjoni Enemalta, tal-*Go plc* u wkoll dawk tal-*Melita plc,* żewġ mains tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u parti minn medda tal-*waste water,* li jissemmew fil-minuti li ħa s-SE tal-laqgħa li seħħet fl-Uffiċċju f'tentattiv li titbaxxa t-triq biex ikunu korretti livelli tat-toroq ħżiena fi Triq tal-Mentna. Hu qal li ħadd minn dawn il-kumpaniji ma huwa lest li jidħol għall-ispiża tat-tħaffir u t-tpoġġija mill-ġdid tas-servizzi tagħhom għax qed jinsistu li skont il-livelli eżistenti huma qiegħdin josservaw il-fond. Dan għalkemm ġie kritikat kemm mis-Sindku u l-

Perit waqt il-laqgħa magħhom, sarrafx biex tbidlet il-pożizzjoni tagħhom. Il-KLM ma jistax jidħol għal dak ix-xogħol, minn Triq il-Katakombi sa Triq il-Mentna biex ma jkunx hemm għadajjar tal-ilma tax-xita, iżda l-ispiża kienet se tiġina madwar eluf ta' ewro Minn flok dawn ix-xogħlijiet, is-suġġeriment tal-perit kien li l-KLM ibaxxi kemm jista' u nibdlu biċċa *culvert* eżistenti fi Triq il-Mentna minn dak ta' dijametru ta' 10'' biex din ma tibqax tegħreq. Madankollu, is-Sindku qal li sat-tieni ġimgħa ta' Ġunju, l-kuntrattur se jipprova jlesti s-*service road*, fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, Triq is-Saljatura u Triq iż-Żurrieq minbarra Triq Ħal Kirkop. Hu faħħar il-ħila tal-kuntrattur fejn qal illi biex bidel id-drenaġġ li kien għaddej minn biswit tliet *cables* tal-Korporazzjoni Enemalta, kellu jħaffer b'riskju kbir għal ħajtu minn bejn l-istess *cables.*

7. Noel Galea qal illi minkejja li uffiċjalment m'għandna xejn f'idejna, jidher li *Transport Malta* aċċettaw li jsewwu Triq tas-Sejba, li niżlet fejn ir-razzett tal-Bully. Hawn il-kunsillieri qalulu illi hu importanti li ma ssirx fil-ġimgħa tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju illi ġejja dal-waqt. Is-Sindku qal li huwa konxju minn dan kollu u żied illi Transport Malta ser jikkuntattjawh bl-aħħar żviluppi iżda żgur li mhus xer issir qabel ħmistax oħra.

8. Dwar il-proġett tal-Mentna, is-Sindku qal illi nhar il-Ġimgħa kien qed jinbena tank fil-ġiebja li se jkun rinfurzat bil-konkos biex jissepara l-ilma tal-*chlorine* tal-funtana, minn dak tax-xita li se jkun qed jintuża għat-tisqija. Hu qal illi bħal issa *Schembri Barbros* qed jiċċanga l-art bil-paviment u hu ttamat li din titlesta' peress li issa dan qabad ipoġġi l-*hardstone slabs*. Dan għaliex, issa tlestew id-*drains* kollha tal-ilma li kellhom jgħaddu minn taħt il-wiċċ. Bħala kisi tal-ħitan, issa hu komplut l-ewwel saff (il-bażi) u se jinkesa fuqu bil-*graffiato*. L-istess ħitan se jkollhom il-*coping* permezz ta' kantun biċ-ċatt. Hu qal li l-*cost savings* li kien hemm billi baxxejna iċ-ċint, dawn se jmorru biex jintużaw għal funtana li l-art ser tkun miksija bil-musajk. Intant, issa tlestiet l-ewwel *traffic island* mas-siġra, fejn se tinqasam it-triq u s-Sindku qal illi se nippruvaw nagħmlu biċċa bit-tarmak ukoll minħabba id-*diversion route.*

9. Is-SE qal li ċemplitlu l-Kap tal-Iskola fejn qaltlu li l-Iskola tal-Imqabba irnexxielha takkwista għat-tieni sena konsekuttiva il-*Green Flag – award* prestiġjuż. Is-Sindku qal li kien preżenti waqt attivita' li seħħet aktar kmieni fl-Iskola fejn it-tfal kollha kienu mistiedna jgħinu fir-riċiklar tal-iskart. Intant is-Sindku semma' t-tweġiba li ta lil *Greenmt* wara li bagħtulna *e-mail* bi kliem li skond is-Sindku ma kienx jirrifletti atteġġjament tajjeb fil-konfront tagħhom. Is-Sindku qal li l-kumpanija *Greenpak* se jagħmlu kampanja fir-raħal favur ir-riċiklaġġ fid-djar u mal-fuljett se jitqassam *flyer* fejn il-familji se jkunu infurmati li nhar ta' Tlieta mhux se jinġabar l-iskart organiku fil-borża s-sewda.

10. Se ninsistu biex insewwu l-*crash barrier* li ġarbet ħsarat waqt ħabta fi Triq tas-Sejba biswit barriera tal-ġebla tal-franka. Dan wara li s'issa kull tentattiv li sar kemm mal-kuntrattur *B Grima & Sons* kif ukoll mal-*Koptasin*, sfumaw fix-xejn.

11. Paul Spiteri insista illi l-ħsarat li ġarrab l-arblu tal-bandiera tal-Imqabba jissewwew sal-festa tas-7 ta' Ġunju sabiex terġa' titla tperper il-bandiera. Is-SE se jerġa' jikkuntattja lill-Gasan Mamo Insurance sabiex naraw fejn wasal il-claim tax-xufier li daħlet fl-istess central strip u wkoll kienet fil-periklu tal-mewt nhar il-31 ta' Marzu.

12. Dwar ix-xewqa tal-KLM sabiex jinbidel il-ħaddiem tal-iskema *Community Works Scheme* li qed tissapportja l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, is-SE qal li dawn ġew infurmati u qed nistennew risposta. Sadanittant Fredu Farrugia għadu jagħmel użu minn din l-iskema.

13. Il-KLM sar infurmat minn minn avviż li deher fuq il-facebook, illi l-Każin tal-Madonna tal-Ġilju, se jorganizzaw attivita' kulturali fil-Pjazza tal-Knisja nhar is-7 ta' Ġunju, 2012. Dan jinvolvi illi xi ħadd tal-inqas jinforma lil *Transport Malta* biex ma jidħolx it-trasport pubbliku fuq l-istess miġemgħa fil-pjazza. Is-SE kien awtorizzat mill-kunsillieri biex iħejji dawn l-

arranġamenti minkejja li l-KLM mhux infurmat uffiċjalment u permess ma kienx hemm sad-data ta' din il-laqgħa.

14. Dwar il-ħarġa għal Għawdex li se sseħħ propju għada, 30 ta' Mejju, is-Sindku qal li hemm miktubin madwar 75 persuna. Hu qal li rranġa biex il-Kunsill Lokali Żebbuġ Għawdex joffri ftit pastizzi lil grupp kollu waqt żjara li se ssir f'din il-lokalita' fejn hu antiċipat ukoll li titqaddes quddiesa ad hoc fil-parroċċa tagħhom. Dan kuntrarju għat-telefonata tas-SE taż-Żebbuġ li għamlet lis-SE tal-Imqabba fejn qaltlu illi din is-sena ma kienux jistgħu jilqgħu din it-talba li saritilhom bil-miktub mis-Sindku.

15. Kienu approvati l-*Payment Approval Sheets 437 u 438.*

16. F'punti oħra ssemmiet l-urġenza sabiex il-kunsillieri jibgħatu l-messaġġi tagħhom għal ħarġa li jmiss tal-fuljett. Dan għaliex fuq xewqet is-Sindku, għandu jitqassam sal-festa tal-Madonna tal-Ġilju.

17. Dwar ir-ritratt tal-*backgournd tal-website* il-ġdida li se tippromwovi l-*Heritage Trail* li se tkun iffinanzjata minn Miżura 313 tal-EARDF tal-Unjoni Ewropeja, intqal illi ritratt tal-baħar mhux marbut mal-lokalita' tagħna minkejja li dan hu wieħed verament attraenti u li jispikka bejn l-iżraq tal-baħar u l-kulur aħmar tal-bandiera tal-Imqabba. Kien hemm suġġeriment sabiex isir wieħed relatat bħal dak tal-qtugħ tal-ġebel minn barrieri mqabbin. Sadanittant il-materjal tal-paġni kienu mħejjija mis-SE u mgħoddija lil kuntrattur (HIVE LTD) li qed nistennewh jiġi jiffirma l-kuntratt.

18. Is-Sindku qal illi f'esebizzjoni li żamm ir-Reġjun Nofs-in-Nhar u li hu kien preżenti għaliha, ingħataw dettalji biex kumpanija privata bl-isem Rodeco, tagħmel *reinstatement* b'tarmak speċjali. Għaldaqstant se nieħdu l-opportunita' nilqgħu proposta tagħhom sabiex dan isir f'post prominenti bħala kampjun *under trial.* Is-Sindku qal illi dan jiswa madwar €75 għal patch ta' 3/4m x 3/4m. Dawk preżenti qablu ma' din il-proposta li nagħmlu kemm tippermettielna l-liġi finanzjarja. Dawn jitħallsu minn dak li jgħaddulna l-WSC sabiex jiġu *re-instated* it-tħaffir li jagħmlu huma f'toroq b'wiċċ tat-*tarmac.*

19. Kien suġġerit minn Nicholas Briffa illi tiġi miżbura l-*hedge* tal-lantana, f'Misraħ il-Fidwa għaliex din igguffat sewwa u qed tkun ta' nkonvenjent għan-nies. Is-SE qal li kien diġa' kellem lil foreman Charles Attard tal-*Environment Landscapes Consortium* dwar dan, peress li laqa' lment ta' wieħed mir-residenti li jieħu ħsieb jiknes l-istess ġnien.

20. Nicholas Briffa semma' ċ-ċumnija tal-impjant tat-tarmak, cioe' in-nuqqas ta' moniteraġġ minħabba tinġiż li kien jidher evidenti fl-aħħar jiem illi l-istess impjant kien qed isajjar il-qatran. Paul Spiteri qal illi dan il-każ jappartjeni wkoll lil *Environmental Section tal-MEPA*, minkejja illi bħala tul taċ-ċumnija tidher li hija sitt metri ogħla mill-għola bini tal-viċin; għalhekk skond il-liġi. Is-SE qal li dwar dan l-ilment, hekk kif timputjah fis-sistema uffiċjali tal-*customer care* tal-*computer* tas-sistema tal-kunsilli lokali, dan isib ruħu fl-uffiċċju tal-Prim Ministru peress li hemm is-Segretarju Parlamentari, l-Onor Demarco LL.D., li hu responsabbli mill-MEPA li għandha taħt ir-responsabbilita' tagħha l-abjent. Is-sindku semma li għandu korrispondenza sħiħa li huwa kellu mal-entitajiet responsabbli li tmur lura madwar xahar u nofs, fejn kienet tispeċifika dwar id-duħħan. Huwa kompla li kellu jiġbed l-attenzjoni personali lil kuntrattur billi qallu li jekk mhux ser jieħu kull azzjoni li hemm bżonn sabiex id-duħħan li johrog mic-cumnijja jkun l-inqas inkonvenjent u li jkun iffiltrat skond l-ispecifikazzjonijiet ufficcjali, kien lest li jieħu l-azzjoni li hemm bżonn u jwaqqaf l-impjant sakemm jirregola ruħu. Fil-fatt ġie nfurmat l-għada tat-telefonata li kellu, li inbidlu il-filtri kollha u evidenti kienet li d-daħna iċċarat ħafna. Is-Sindku kompla illi aħna dejjem għaddejna kull rapport, anke dawk anonimi kif xieraq u dmir tagħna.

21. Is-Sindku awtorizza lis-SE sabiex joħroġ il-*Purchase Orders* li hemm bżonn sabiex il-kuntrattur Grace Barbara tiftaħ il-latrina pubblika għal ħinijiet itwal fil-jiem tal-festa skond kif kien qed isir fil-passat flimkien ma oħra lil Joseph Zammit sabiex jiknes f'ħinijiet wara li jseħħu l-marċijiet u wkoll wara li jinħaraq in-nar tal-art biex inaddaf ir-raħal fl-istess ġranet.

22. Il-laqgħa ntemmet immedjatament kif ġew l-uffiċjali tal-Kumitat tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju fit-8:30pm li kienu mistiedna għal drink ta' ospitalita' tal-festa, mill-KLM.

23. Il-KLM se jerġa jiltaqa' ħmistax oħra fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11 / 06/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |